# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 29**

**Rikors numru 976/08/2 SM**

**Suncrest Hotels plc (C-8643)**

**v.**

**Roger Degaetano**

**Link School of English Limited (C-14849)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell ewlieni tal-konvenut Roger Degaetano u appell inċidentali tal-kumpanija attriċi 'Suncrest Hotels p.l.c.', minn sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija fl-10 ta' April, 2018, (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "s-sentenza appellata") li biha u

għar-raġunijiet hemm imfissra laqgħet it-talbiet tal-kumpanija Suncrest Hotels p.l.c. (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "s-Suncrest") fil-limiti hemmhekk stabbiliti, u filwaqt li sabet li Roger Degaetano huwa debitur tas-Suncrest għas-somma ta' €36,625.28, ikkundannatu sabiex iħallas lill-istess Suncrest dak l-ammont hekk likwidat, u dan flimkien mal-ispejjeż ġudizzjarji mitluba fir-rikors maħluf;

2. Fil-qosor, il-fatti li wasslu għal din it-tilwima huma dawn li ġejjin;

3. B'rikors maħluf tat-30 ta' Settembru, 2008, il-kumpanija Suncrest fissret li fid-29 ta' April, 2008, hija kienet daħlet fi ftehim bil-miktub mal-konvenuti, dwar l-għotja ta' servizzi ta' alluġġar lill-klijenti tal-konvenuti, u dan skont il-patti u kundizzjonijiet hemmhekk imniżżla. Tirrakkonta li matul iż-żmien li fih dan il-ftehim kien għadu fis-seħħ, u sewwasew waqt li l-klijenti tal-konvenuti kienu qegħdin jużaw is-servizzi ta' alluġġar fil-lukanda tagħha, l-konvenuti naqsu milli jħallsu dak dovut minnhom skont il-kuntratt, u peress li kien kollu ta' xejn li sejħitilhom kemm-il darba sabiex iwettqu dawk il-ħlasijiet, fl-1 ta' Awwissu, 2008, hija għażlet li tirrikorri għar-rimedju kontrattwali mniżżel fl-istess ftehim li ffirmat mal-konvenuti, u temmet kemm is-servizzi kollha li kienet qed tagħti lill-konvenuti, kif ukoll ikkanċellat il-gruppi kollha li kien għad fadal li jaslu. Filwaqt li stqarret li Roger Degaetano qabad u ddepożita taħt l-awtorità tal-Qorti l-ammont ta' €14,824.77, fissret li dak id-depożitu sar bil-kundizzjoni li l-flejjes

setgħu jiġu żbankati biss 'għas-saldu' tal-pretensjonijiet kollha tagħha, u wara li tenniet li l-konvenuti huma debituri tagħha għall-ammont ta' €40,985.97, li jikkonsisti f'ammonti dovuti għal għotja ta' servizzi ta' alluġġar, kif ukoll f'miżati ta' kanċellazzjoni (*'cancellation fees'*), talbet lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-intimati solidalment jew min minnhom kienu inadempjenti fl-obbligazzjonijiet kontrattwali tagħhom u konsegwentement responsabbli li jħallsu debituri tas-soċjetà attriċi (sic) fis-somma ta' erbgħin elf disa' mija u ħamsa u tmenin Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€40,985.97), oltre l-imgħaxijiet legali skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 26A tal-Kodiċi tal-Kummerċ;*
>
> *2.Tordna lill-intimati solidalment jħallsu tali ammont ta' erbgħin elf disa' mija u ħamsa u tmenin Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€40,985.97), oltre l-imgħaxijiet legali skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 26A tal-Kodiċi tal-Kummerċ mid-data tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali tat-8 ta' Awwissu 2008;*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż ta' l-ittra uffiċjali datata 8 t'Awwissu (Nru. 2462/08) u b'riserva ta' kull ta' dritt, azzjoni jew rimedju fil-Liġi".*

4. Fuq ix-xaqliba l-oħra, permezz ta' risposta maħlufa tal-21 ta' Novembru 2008,[1] il-konvenuti laqgħu għal din l-azzjoni billi ressqu għadd ta' eċċezzjonijiet, fosthom li l-kumpanija 'Link School of English Ltd' ma kellha l-ebda rabta ġuridika mal-kumpanija Suncrest u li għalhekk kellha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Fil-mertu, l-konvenuti qajmu d-difiża li t-talbiet tas-Suncrest huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi, u dan minħabba dawk li sejħulhom bħala "żbalji u tortijiet" li kienet ħatja għalihom is-Suncrest stess. F'dan ir-rigward, fissru li l-ammont li

---

[1] Fol. 11-12.

jistħoqqilha tieħu s-Suncrest huwa ta' €15,070.90, li ġie ddepożitat il-Qorti, wara li ġie rifjutat mingħajr mistħoqq. Fid-dawl ta' dan, qajmu mbagħad l-eċċezzjonijiet li mill-ammont li skonthom huwa dovut lil Suncrest għandhom jitnaqqsu l-ispejjeż li ntefqu biex ġiet ippreżentata ċ-ċedola ta' depożitu msemmija,[2] filwaqt li qalu li kull talba ta' Suncrest għall-imgħaxijiet bit-tħaddim tal-Artikolu 26A tal-Kodiċi tal-Kummerċ għandha tiġi miċħuda. Għalqu mbagħad billi jgħidu li ġaladarba li s-Suncrest ma kellhiex raġuni tajba fuqhiex tirrifjuta l-ħlas li ppruvat tgħaddilha, huma lanqas m'għandhom ibatu xi spejjeż tal-kawża;

5. B'sentenza parzjali mogħtija fil-20 ta' Marzu, 2012,[3] l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti bl-ispejjeż kontra s-Suncrest, u dan billi kkonkludiet li l-konvenuta '*Link School of English Limited'* m'għandha l-ebda rabta ġuridika mal-kumpanija attriċi, u konsegwentement ħelsitha mill-ħarsien tal-ġudizzju;

6. B'sentenza finali mogħtija fil-10 ta' April, 2018, l-Ewwel Qorti mbagħad qatgħet din it-tilwima fil-mertu, fuq is-saħħa tal-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

*"Ikkunsidrat:*

*13.0. Illi dwar il-mertu jinghad sintetikament is-segwenti:*

---

[2] Ċedola Nru 977/2008, ara 'Dok RGD2', fol. 15.
[3] Fol. 122 sa 129.

*13.1. Illi s-socjeta` rikorrenti qed tirrikjama l-hlas ta' €40,985.97 ghal servizzi rezi u ghall-ammonti ohra dovuti ghall-kancellament t'ordnijiet;*

*13.2. Illi r-rikorrenti rimanenti min-naha tieghu jeccepixxi li l-ammont minnu dovut hu ta' €15,070.90, liema ammont gie depozitat il-qorti biex b'hekk lanqas m'hemm dovut imghax;*

*Ikkunsidrat:*

*14.0. Illi fir-rigward tat-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-intimat odjern (ara foll 11) jinghad sintetikament is-segwenti:*

*14.1. Illi hawn l-intimat jirreklama zbalji fil-fatturi ppreparati mir-rikorrenti;*

*14.2. Illi r-relazzjoni bejn il-kontendenti hi naxxenti mill-ftehim datat id-29 ta' Settembru, 2008, (ara foll 21 u 152);*

*14.3. Illi r-rati stabbiliti bejn il-kontendenti jirrizultaw elenkati f'dokument datat l-14 ta' Lulju, 2008, (ara foll 59);*

*14.4. Illi nonostante l-istess rati hekk stabbiliti, jirrizulta li l- istess socjeta` rikorrenti applikat is-segwenti rati differenti:*

*14.4.1. Fattura a foll 64:*

*14.4.1.i. Illi giet applikata rata zbaljata ta' €141.48 kuljum minflok dik ta' €27.95 kuljum ghal triple room;*

*14.4.1.ii. Illi giet applikata rata zbaljata ta' €33.77 kuljum ghal twinroom;*

*14.4.1.iii. Illi giet applikata rata zbaljata ta' €39.60 kuljum ghal single room;*

*14.4.1.iv. Illi allura fil-kumpless hawn ezaminat jirrizulta zball ta' €1,522.00;*

*14.4.2. Fattura a foll 69:*

*14.4.2.i. Illi giet applikata rata zbaljata ta €55.15 u €62.65 kuljum minflok ir-rata skont il-kuntratt ta' €39.60 kuljum ghal single room;*

*14.4.2.ii. Illi allura jirrizulta zbal ta' €439.05;*

*14.4.3. Fattura a foll 70:*

*14.4.3.i. Illi giet applikata rata zbaljata ta' €65.05 u €72.55 kuljum minflok ir-rata tal-kuntratt ta' €39.60 ghal single room;*

*14.4.3.ii. Illi allura jirrizulta zball ta' €423.80;*

*14.4.4. Fattura a foll 71:*

*14.4.4.i. Illi giet applikata rata zbaljata ta' €109.60 u €124.60 kuljum minflok ir-rata ta' €33.77 kuljum ghal twin room;*

*14.4.4.ii. Illi allura jirrizulta zball ta' €723.84;*

*14.4.5. Kamra Rizervata ghas-Supervisors a foll 196:*

*14.4.5.i. Illi giet applikata rata zbaljata stante li din kellha tinghata minghajr hlas, (ara foll 196);*

*14.5.5.ii. Illi dan jirrizulta wkoll mix-xhieda a foll 368B;*

*14.5. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta ghalhekk li hemm zball komplessiv ta'* ***€4,360.69*** *mill-ammont reklamat mis-socjeta` rikorrenti;*

*Ikkunsidrat:*

*15.0. Illi dwar il-Cancellation Fees jinghad sintetikament is-segwenti:*

*15.1. Illi s-socjeta` rikorrenti issosstni li dawn huma kollha dovuti lilha mill-intimat;*

*15.2. Illi min-naha tieghu l-intimat jghid li dawn huma ingustifikati u allura mhux dovuti;*

*15.3. Illi effettivament jirrizulta pacifiku li s-socjeta` rikorrenti ikkancellat is-servizzi taghha lill-intimat;*

*15.4. Illi pero` jirrizulta li ghamlet dan ghaliex l-intimat naqas ihallas il-pendenzi tieghu skont il-klawsola numru 2d tal-ftehim fuq indikat, (ara foll 21 u 152);*

*15.5. Illi din il-klawsola tistabbilixxi s-segwenti*

*"... the client accepts that failure to accept the payments within the stipulated time will entitle the Hotel at its sole discretion and with immediate effect to suspend or cancel some or all services provided as per this agreement, as well as cancel all further groups governed by this agreement only having sent notice in writing to the client and to advise at least 3 days beforehand. The hotel would have no*

*obligations, if on re applying for accommodation, rooms are not available";*

*15.6. Illi in vista tal-istess jinghad li meta s-socjeta` rikorrenti ikkancellat is-servizzi pattwiti wara li l-intimat ma kienx hallas fil-hin, hi kienet qed tagixxi skont il-klawsola fuq riprodotta meta permezz tal-ittra datata l-1 t'Awwissu, 2008, itterminat l-istess servizzi, (ara foll 179);*

*15.7. Illi fir-rigward tal-fattura a foll 66 l-intimat jghid li l-gruppi ma kienux ikkonfermati;*

*15.8. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-e-mail datata l- 21 ta' Lulju, 2008, (ara foll 268), fejn jirrizulta li la kien hemm il-kancellament allura ovvjament kien hemm il- "booking";*

*15.9. Illi ghalhekk l-intimat m'ghandux ragun isostni t-tezi tieghu fir-rigward u konsegwentement, il-"cancellation fee" tapplika;*

*15.10. Illi jigi sottolineat li l-"cancellation fees" huma wkoll dovuti fuq il-grupp li kien ikkancellat f'inqas minn 14 -il gurnata minn meta jkollu jasal l-istess grupp;*

*15.11. Illi l-fatturi a foll 65, 66, 67 u 68 jirrigwardaw fatturi dwar gruppi kkancellati u ghalhekk, gialadarba s-socjeta` rikorrenti hassret il-kuntratt minhabba l-inadempjenza tal-intimat, il-cancellation fee hi dovuta lill-istess socjeta` rikorrenti;*

*Ikkunsidrat:*

*16.0. Illi dwar is-Servizzi jinghad sintetikament is-segwenti:*

*16.1. Illi l-intimat isosstni li s-servizzi rezi mis-socjeta` rikorrenti kienu rezi hazin jew addirittura ma kienux rezi ghal kollox, (ara foll 217 u 330);*

*16.2. Illi min-naha taghha s-socjeta` rikorrenti taghmel referenza ghal rapport tad-Dipartiment tat-Turizmu datat it-22 t'April, 2008, li wara spezzjoni fuq ilment ricevut ikkonkluda li l-ilment kien ingustifikat, (ara foll 336);*

*16.3. Illi ssir referenza ghall-klawsola 6 tal-ftehim tad-29 t'April, 2008, fuq riferit li tistipula s-segwenti, (ara foll 21 u 152):*

*"... under no circumstance will the Hotel be liable for compensation unless the Hotel admits liability in writing in respect of any claim for any breach of this Agreement alleged to have been committed by the Hotel";*

*16.4. Illi konsegwentement jinghad li ghall-fini tal-kawza odjerna l-ammont rikjamat mis-socjeta` rikorrenti jibqa' lilha dovut nonostante l-allegazzjoni tal-intimat, li bl- ebda mod ma jista' arbitrarjament jirrifjuta li jonora l- obbligi tal-hlas minnu assunti;*

*Ikkunsidrat:*

*17.0. Illi finalment, fir-rigward tal-allegazzjoni tal-intimat rigwardanti l- produzzjoni tardiva tal-fatturi, jinghad sintetikament is- segwenti:*

*17.1. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-klawsola numru 2 tal-ftehim in dizamina, (ara foll 21 u 152), minn fejn jirrizulta li l-partijiet ftehmu li:*

*"a. The client shall pay the hotel by way of deposit on account 50% of the total amount due upon arrival of each group";*

*"b. Payments of all balances due shall be made three (3) days prior to departure of each group....";*

*"c. The client accepts that failure to effect the payments within the stipulated time will entitle the hotel at its sole discretion and with immediate effect to suspend or cancel some or all services provided as per this Agreement, as well as cancel all further groups governed by this Agreement only after having sent a notice in writing to the client and to advise at least 3 days beforehand";*

*17.2. Illi in vista tal-klawsola fuq riprodotta in parte jirrizulta li l-partijiet ftehmu dwar il-modalita` tal-pagament u fir- rigward ta' x'kellhom ikunu l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' pagament;*

*17.3. Illi ghalhekk issir referenza ghall-ittra datata l-1 t'Awwissu, 2008, (ara foll 179), fejn l-intimat kien infurmat mis-socjeta` rikorrenti li din kienet qed tikkancella l-kuntratt:*

*"...due to the failure on your part to abide by the agreed terms of payment, our company has no option other than to invoke Clause 2(d) of the Agreement...";*

*17.4. Illi in vista tal-premess, l-ilment tal-intimat meta jissottometti li l-fatturi kienu tardivi mhux gustifikat, (ara foll 438);*

*17.5. Illi l-ftehim dwar il-modalita` tal-pagament jirrizulta car, u allura, la darba r-rati kienu miftehma minn qabel, (ara foll 59), flimkien mal-modalita` tal-pagament, (ara foll 21), ma jirrizulta li hemm l-ebda gustifikazzjoni ghan- nuqqas tal-hlas reklamat;*

*Ikkunsidrat:*

*18. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi fil-limiti fuq indikati, u konsegwentement:*

*DECIDE:*

*18.1. Tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti limitatament kif stabbilit;*

*18.2. Tirrespingi l-eccezzjonijiet rimanenti tal-intimat;*

*18.3. Tiddikjara li l-intimat Roger Degaetano kien inadempjenti fl-obbligi tieghu fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;*

*18.4. Tiddikjara li l-istess intimat ghandu ghalhekk jaghti l- ammont ta' sitta u tletin elf sitt mija u hamsa u ghoxrin euro u tmienja u ghoxrin centezmu, (€36,625.28), lis- socjeta` rikorrenti;*

*18.5. Tikkundanna lill-istess intimat ihallas l-ammont hekk likwidat lis-socjeta` rikorrenti;*
*18.6. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimat."*

7. Il-konvenut ma qabilx mas-sentenza finali tal-Ewwel Qorti u b'rikors tal-appell tas-27 ta' April, 2018, talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-esponent u konsegwentement tiddikjara li l-ammont dovut mill-appellant għas-saldu tal-pretensjonijiet attriċi huwa dak depożitat mill-appellant favur is-soċjetà appellata fiċ-ċedola numru 977/2008, liema depożitu sar qabel l-istituzzjoni ta' din il-kawża u konsegwentement tiddisponi mill-ispejjeż tal-kawża odjerna billi tiddeċiedi li dawn għandhom jitħallsu kollha mis-soċjetà appellata; jew sussidjarjament billi tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ġja rriduċiet il-pretensjoni tas-soċjetà appellata bis-somma ta' erbat elef tlett mija u sittin euro u disa' u sittin ċenteżmu (€4,360.69) imsemmija fil-punt 14.5 tas-sentenza, tilqa'*

*uħud mill-eċezzjonijiet sollevati fid-dawl tal-aggravji sollevati f'dan l-appell u konsegwentement tistabbilixxi somma inferjuri għal dik kanonizzata bis-sentenza appellata u tistabbilixxi ukoll li d-data għad-dekorrenza tal-imgħax għandu jibda mid-data tas-sentenza odjerna u inoltre tiddetermina b'mod ekwu l-ispartizzjoni tal-ispejjeż ġudizzjarji kollha tal-kawża fid-dawl tal-aggravji varji sollevati."*

8. Bi tweġiba mressqa fil-21 ta' Mejju, 2018, il-kumpanija Suncrest, filwaqt li laqgħet għall-appell ta' Roger Degaetano billi warrbet l-aggravji kollha hemm imqajma minnu, fl-istess waqt inqdiet b'dak l-appell biex ressqet ukoll appell inċidentali li għar-raġunijiet hemmhekk imfissra qed titlob lil din il-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata, billi praevia li tikkonferma in kwantu ddikjarat lill-intimat Roger Degaetano inadempjenti u debitur fl-ammont ta' sitta u tletin elf sitt mija u ħamsa u għoxrin Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€36,625.28) iżda tirrevokaha in kwantu ddeċidet (impliċitament billi ma pprovditx speċifikament fuq it-talba ta' l-imgħax), li l-imgħax jiddekorri mis-sentenza u tilqa' it-talba bl-imgħax kif formulati fir-Rikors Ġuramentat promotur, ċioè mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Awwissu, 2008, ċioè mill-20 ta' Awwissu 2008, data tan-notifika, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat"*;

9. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, semgħet lill-avukati tal-partijiet, kif ukoll rat l-atti kollha tal-kawża, hija issa f'qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat***

10. L-appellant Roger Degaetano qiegħed isejjes l-appell tiegħu fuq is-saħħa ta' seba' aggravji li ser ikunu qegħdin jiġu mistħarrġa fl-istess sekwenza li tniżżlu fir-rikors tal-appell;

11. Fl-**ewwel aggravju** Roger Degaetano qiegħed jilmenta dwar dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti ma qisitx 'it-tardivita' fil-ħruġ tal-fatturi bħala raġuni ġustifikata għalfejn huwa ma wettaqx il-ħlasijiet kif miftiehem fil-kuntratt iffirmat fid-29 ta' April, 2008. Ifisser li huwa ma jaqbilx mar-raġunament tal-Ewwel Qorti li għaliex ir-rati u l-modalità tal-ħlas kienu diġà miftiehma, allura huwa ma kellu l-ebda ġustifikazzjoni biex ma jħallasx fit-termini mniżżla fil-ftehim, u dan għaliex fi kliemu, l-ħruġ ta' fattura fi tranżazzjonijiet ta' natura kummerċjali hija *'sine qua non'* sabiex in-negozjant ikollu talba għall-ħlas. Sabiex isostni dan, jirreferi għall-Artikolu 26A tal-Kodiċi tal-Kummerċ, li jgħid li fattura tfisser: *"kont mibgħut minn provdituri ta' prodott jew servizz lix-xerrej. Il-fattura tistabbilixxi obbligu min-naħa tax-xerrej biex iħallas. Għall-finijiet ta' din it-tifsira 'fattura' tinkludi it-talba ekwivalenti biex isir il-ħlas".*

Jissottometti li huwa b'dawn il-fatturi li n-negozjant jista' jżomm il-kotba tan-negozju kif trid il-liġi u li l-fatt li r-rati jkunu diġà miftiehma ma jeżentax lill-kreditur milli joħroġ fattura biex ikun intitolat għall-ħlas;

12. Fil-konkret, l-appellant imbagħad jilmenta li l-Ewwel Qorti 'injorat' dak li hemm miktub fuq nett fit-tieni paġna tal-iskeda tal-ftehim u sewwasew li *"[a]ll the above charges are to be included on a master account, which will be invoiced to client",* u jargumenta li minħabba f'hekk is-Suncrest kienet obbligat ruħha li tinnotifikah bil-fatturi, u li kien fin-nuqqas tal-ħlas ta' dawn il-fatturi li s-sub-paragrafu (d) ta' klawsola 2 tal-ftehim kien jagħti l-jedd lis-Suncrest li tissospendi jew tikkanċella s-servizzi li obbligat ruħha li tipprovdilu. Iżid li tant kemm is-Suncrest kienet konxja mill-obbligu tagħha li toħroġ il-fatturi sabiex tkun intitolata għall-ħlas, li f'paragrafu (e) tal-klawsola 2 tal-ftehim, is-Suncrest żammet il-jedd li titlob l-interessi fuq pagamenti tardivi skont l-Avviż Legali bin-numru 233 tal-2005, li fih insibu li l-mogħdija tal-imgħaxijiet, fejn mhux miftiehem fil-kuntratt, għandu jibda jgħaddi minn termini marbutin mal-ħruġ tal-fattura. Skont l-appellant, ir-referenza għal dan l-Avviż Legali hija għalhekk 'korroborazzjoni ulterjuri' li l-ħruġ tal-fattura kienet 'assolutament neċessarja' biex l-attriċi setgħet tippretendi li titħallas qabel il-wasla ta' kull grupp. Jagħlaq imbagħad billi jgħid li mill-fatturi li ġew imressqa mill-kontrollur finanzjarju tas-Suncrest (Dok MM01 sa MM14) jirriżulta li dawn kienu jinħarġu biss wara li l-grupp ikun telaq mil-lukanda u għalhekk huwa

ma setax jonora it-termini tal-pagamenti msemmija fis-sub-paragrafi (a), (b) u (ċ) tal-klawsola 2 tal-ftehim. Fid-dawl ta' dan kollu jgħid li s-Suncrest aġixxiet b'mod abbużiv meta qabdet u unilateralment ikkanċellat il-ftehim b'ittra datata 1 ta' Awwissu 2008, u dan meta l-istess Suncrest mank biss ġabet prova ta' xi interpellanza waħda għall-ħlas u dan sa qabel ma ntbagħtet l-ittra tat-terminazzjoni;

13. Fil-fehma tal-Qorti, l-argumenti li qed jitressqu f'dan l-aggravju mhumiex mistħoqqa u dan għal bosta raġunijiet. Għalkemm huwa minnu li fid-definizzjoni ta' "*fattura*" fl-Artikolu 26A tal-Kap. 13 tal-liġijiet ta' Malta nsibu li: *"fattura tistabbilixxi obbligu min-naħa tax-xerrej biex iħallas",* din it-tifsira ma tistax però tittieħed 'il barra mill-kuntest tagħha. Jekk wieħed jieħu din it-tifsira fil-kuntest kollu ta' *'Sub-titolu IA',* tat-Tieni Titolu tal-Ewwel Taqsima tal-Kap 13, u b'mod partikolari fid-dawl tat-tifsira ta' *"ħlas tardiv",*[4] u tal-Artikolu 26Ċ, jirriżulta li l-fattura hija essenzjali għall-finijiet ta' ħlasijiet f'dawk il-każijiet meta d-data jew it-terminu għall-ħlas ma jkunux ġew stabbiliti fil-kuntratt. Jekk il-kuntratt ikun jistabbilixxi xi data jew terminu għall-ħlas, allura huwa minn dik id-data jew terminu li l-ħlas isir dovut. Kemm hu hekk, f'paragrafu (3) tal-Artikolu 26Ċ tal-Kap. 13 insibu li: *"l-kreditur ikollu d-dritt għall-imgħax minħabba fi ħlas tardiv <u>mill-ġurnata li tiġi wara d-data jew wara t-terminu għall-ħlas stabbilit fil-</u>*

[4] L-Artikolu 26A jiddefinixxi *"ħlas tardiv"* bħala" *"<u>ħlas li jkun għadu dovut wara ż-żmien kontrattwali</u> jew statutorju stabbilit għall-ħlas, u meta jkunu twettqu kondizzjonijiet stabbiliti taħt l-artikolu 26Ċ(1) u l-artikolu 26D(1)"*;

*<u>kuntratt</u>".* Li kieku l-ħlas huwa dovut biss minn meta tinħareġ il-fattura bħal ma qed jinsisti l-appellant, il-liġi ma kinitx ser tipprovdi li l-imgħax kummerċjali jibda jgħaddi mill-għada tad-data jew it-terminu stabbilit għall-ħlas fil-kuntratt. Il-fatt li jibda jgħaddi l-imgħax ma jfisser xejn ħlief li l-ħlas ikun sar dovut, u għaldaqstant l-argumenti tal-appellant huma għalhekk fundamentalment żbaljati;

14. Filwaqt li dak li għadu kif qed jingħad huwa biżżejjed biex jiġi miċħud l-ewwel aggravju, jixraq li jiġi wkoll osservat li sew jekk humiex ta' natura ċivili jew inkella ta' sura kummerċjali, l-kuntratti huma meqjusa bħala liġi għal dawk li jidħlu għalihom u fuq kollox għandhom jiġu mwettqa b'rieda tajba.[5] Huwa tabilħaqq magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li l-partijiet għal kuntratt għandhom jiżguraw li l-eżekuzzjoni tal-kuntratt isseħħ f'armonija sħiħa ma' dak li huma raġonevolment kellhom f'moħħhom fil-konklużjoni tal-operazzjoni ekonomika ta' bejniethom, u dan għaliex: '*pacta sunt servanda'.* (Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Luca Toccafondo v. Sara Grech Limited,*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fis-7 ta' Ottubru, 2022);

15. Fil-fehma tal-Qorti, il-mod li bih qiegħed jirraġuna l-appellant mhuwiex f'armonija ma' dak li kellhom f'moħħhom il-partijiet meta ġew

[5] Ara l-Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili.

biex jikkonkludu l-kuntratt ta' bejniethom, u dan għaliex bħalma osservat sewwa l-Ewwel Qorti,  kemm ir-rati kif ukoll it-termini li fihom kellhom jitwettqu l-ħlasijiet ġew imniżżla bl-aktar mod ċar, kemm fil-kuntratt prinċipali tad-29 ta' April, 2008,[6] kif ukoll fl-iskeda mehmuża mal-istess ftehim.[7]  L-appellant ma ġab l-ebda prova li t-termini mniżżla f'dak il-kuntratt inbidlu, u għaldaqstant huwa baqa' marbut bihom u dan irrispettivament minn jekk kienx qiegħed jirċievi xi fattura jew le;

16. Fuq kollox, meta mbagħad ġie biex iressaq il-provi tiegħu, l-appellant ma semma xejn li huwa ma kienx qiegħed iwettaq il-ħlasijiet fit-termini stipulati fil-kuntratt għaliex ma kienx qiegħed jirċievi l-fatturi, u għall-kuntrarju, fl-affidavit tiegħu stqarr li kien huwa stess li ħa d-deċiżjoni li jwaqqaf il- pagamenti lis-Suncrest.[8]  Għandu wkoll jingħad li, bħala stat ta' fatt, lanqas mhuwa minnu li sa qabel l-1 ta' Awwissu, 2008 s-Suncrest ma kienet qatt talbitu sabiex iħallasha dak kollu dovut minnu.  Mill-provi jirriżulta li Mario Debattista bħala l-*'general manager'* tas-Suncrest kien qiegħed jsus warajh għall-pagamenti, tant li minn kopja ta' *e-mail* mibgħuta fil-25 ta' Lulju, 2008, jidher li Mario Debattista kien kiteb lill-appellant hekk: *"Mr. De Gateano, I am expecting payment in full for the services rendered by Suncrest including the payment for the cancelled*

---

[6] fol 152-153.
[7] fol. 150-151.
[8] Ara l-affidavit ta' Roger De Gaetano, 'Dok RD1',  Fol 226.

*groups, as per contract. Please be guided accordingly”.*[9] L-istess ġara f’żewġ *‘e-mails’* oħra mibgħuta ftit tal-jiem wara fit-28 u fid-29 ta’ Lulju, 2008 rispettivament;[10]

17. Tħares minn fejn tħares, l-ewwel aggravju ma jirriżultax għalhekk li huwa mistħoqq u bħall-Ewwel Qorti din il-Qorti jidhrilha li s-Suncrest kellha kull jedd li twaqqaf is-servizzi tagħha lill-appellant fuq is-saħħa tal-paragrafu (d) ta’ klawsola 2 tal-kuntratt;[11]

18. Fit-**<u>tieni u t-tielet aggravji</u>**, l-appellant qiegħed imbagħad jgħid li b’żieda mat-tnaqqis li ġie msemmi fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti kellha wkoll tnaqqas l-ammont ta’ €6,765.12, li jikkonsisti f’żewġ fatturi ‘Dok MM09’, u ‘Dok MM10’, li huma dwar miżati ta’ kanċellazzjoni għal żewġ gruppi ta’ studenti li kellhom joqogħdu fil-lukanda bejn: (i) l-4 ta’ Awwissu u l-10 ta’ Awwissu, 2008, u (ii) l-11 ta’ Awwissu u s-17 ta’ Awwissu, 2008, rispettivament. L-appellant qiegħed jagħti żewġ raġunijiet ewlenin għalfejn fil-fehma tiegħu dawn l-ammonti mhumiex dovuti. L-ewwel raġuni, li ġiet imniżżla fit-<u>tieni aggravju</u>, hija li ġaladarba s-Suncrest ma kellhiex il-jedd li tikkanċella l-ftehim u twaqqaf is-servizzi li kienet

---

[9] Fol. 195.
[10] Ara fol. 204, u 414.
[11] Fi klawsola 2(d) tal-ftehim prinċipali ġie mniżżel li: “*The Client accepts that <u>failure to effect the payments within the stipulated time</u> will entitle the Hotel as its sole discretion and with immediate effect to suspend or cancel some or all Services provided as per this Agreement, as well as cancel all further groups governed by the Agreement only after having sent a notice in writing to the client and to advise at least 3 days beforehand”.*

intrabtet li tagħti lill-klijenti tiegħu, allura dan kellu jwassal lill-Ewwel Qorti sabiex tiċħad kull talba għall-ħlasijiet ta' miżati ta' kanċellazzjoni 'għal dawk l-istudenti prenotati għall-akkomodazzjoni minn tlett (3) ijiem wara d-data tal-avviż ta' terminazzjoni mogħti fl-1 ta' Awwissu, 2008'. L-argument l-ieħor li mbagħad tressaq fit-tielet aggravju huwa li anke li kieku stess kellu jingħad li s-Suncrest kellha l-jedd li tikkanċella l-kuntratt, jibqa' xorta waħda l-fatt li hija ma setgħetx titlob il-miżati ta' kanċellazzjoni kif jirriżultaw mill-fatturi 'Dok MM09' u 'Dok MM10', u dan għaliex dawn il-gruppi ma ġewx ikkanċellati minnu iżda mis-Suncrest stess, b'konsegwenza tal-ittra ta' terminazzjoni tal-1 ta' Awwissu 2008. Fid-dawl ta' dan, jgħid li għaldaqstant il-miżati ta' kanċellament imsemmija fi klawsola 3 tal-kuntratt ma kinux japplikaw għal dawn il-fatturi rispettivi;

19. Filwaqt li l-ewwel raġuni li nghatat fit-tieni aggravju ma tista' tagħti l-ebda frott lill-appellant, u dan għaliex din il-Qorti diġà sabet li s-Suncrest kienet intitolata li twaqqaf is-servizzi li ntrabet li tagħti lill-klijenti tiegħu fuq is-saħħa tal-klawsola 2(d) tal-kuntratt, safejn imbagħad għandu x'jaqsam mat-tieni raġuni li nghatat fit-tielet aggravju, l-Qorti hija tal-fehma li l-appellant għandu raġun meta qed jgħid li l-miżati ta' kanċellazzjoni kif misjuba fil-kuntratt ma kellhomx jiġu applikati għall-gruppi li kellhom jaslu fl-4 ta' Awwissu, 2008 u fil-11 ta' Awwissu, 2008, rispettivament. Il-Qorti qed tgħid hekk għaliex, minn ħarsa lejn il-ftehim, li fuq is-saħħa tiegħu qed jintalbu l-miżati ta' kanċellazzjoni, jirriżulta li l-partijiet kienu qablu li

*"all cancellation charges as per Clause 3 above* *shall become due* *by the client in favour of the Hotel in full and immediately payable* *on the contracted arrival date of the group* *to which cancellation charges apply".*[12] Kif qed jgħid sewwa l-appellant, f'dan il-każ, b'ittra datata l-1 ta' Awwissu, 2008, is-Suncrest bagħtet tinformah li b'effett minn tlett ijiem mid-data ta' dik l-ittra, hija kienet ser (i) tikkanċella s-servizzi kollha li kellhom jingħataw minnha skont il-kuntratt tad-29 ta' April, 2008, **u** (ii) li *"all further groups governed by the Agreement are also hereby cancelled."*[13] Fil-fehma tal-Qorti, hekk kif is-Suncrest iddeċidiet li tikkanċella l-gruppi kollha li kienet intrabtet li taċċetta wara t-3 ta' Awwissu, 2008 u dan skont paragrafu (a) ta' klawsola 3 tal-kuntratt, is-Suncrest kienet effettivament qiegħda ġġib fix-xejn il-*"contracted arrival date"*, tal-gruppi, fosthom dawk li skont il-kuntratt kellhom jaslu fl-4 ta' Awwissu u fil-11 ta' Awwissu, 2008, rispettivament, u dan bil-konsegwenza li l-miżati ta' kanċellazzjoni ma setgħu qatt isiru dovuti għal gruppi li kellhom jaslu wara t-3 ta' Awwissu, 2008. Jirriżulta b'hekk li t-tielet aggravju huwa fondat, u l-miżati ta' kanċellazzjoni kif mitluba fil-fatturi 'Dok MM09'[14] u 'Dok MM10',[15] ser ikunu qed jitnaqqsu mill-ammonti li l-appellant għandu jagħti lis-Suncrest;

---

[12] Estratt meħud minn klawsola 4 tal-ftehim tad-29 ta' April, 2008, fol.153.
[13] Ara 'Dok LS-19', fol. 177.
[14] Inv. Nru. 15237, fl-ammont ta' €3,382.56, fol. 67.
[15] Inv. Nru. 15238, fl-ammont ta' €3,382.56, fol. 68.

20. Ir-**<u>raba' aggravju</u>** ta' Roger Degaetano huwa mbagħad dwar dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti ddeċidiet li għandu jħallas ukoll lis-Suncrest il-miżati ta' kanċellazzjoni li jirriżultaw mill-fattura 'Dok MM08', u dan fl-ammont ta' €11,270.88. Jilmenta li f'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament żbaljat tal-provi u dan għaliex fi kliemu, l-'*e-mail'* ta' Charmaine Riolo tal-21 ta' Lulju 2008, kellha tinqara fil-kuntest tal-korrispondenza kollha li kien hemm bejn il-partijiet. Skont l-appellant mis-sensiela ta' '*e-mails'* jirriżulta li t-talba oriġinali ta' Charmaine Riolo tal-14 ta' Lulju, ma kinitx għal prenotazzjoni iżda biss kweżit dwar jekk il-lukanda kellhiex disponibbli 40 sodda għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Lulju u l-4 ta' Awwissu, 2008. Jgħid li għalkemm li f'dik l-istess ġurnata, Bernardette Vassallo kienet bagħtet *'e-mail'* biex tikkonferma l-gruppi, madanakollu, ġimgħa wara, u sewwasew fl-21 ta' Lulju, 2008, din indunat li ma kellha l-ebda prenotazzjoni, tant li bagħtet *e-mail* oħra lil Charmaine Riolo tistaqsiha jekk il-grupp kienx ikkonfermat, u kien wara din l-*e-mail* li Riolo qaltilha li l-grupp ma kienx ikkonfermat u talbitha tħassru. Jargumenta li kieku kien hemm prenotazzjoni bħalma qed tgħid is-Suncrest, Bernardette Vassallo ma kienet qatt ser tibgħat tistaqsi għal konferma, u għalhekk l-Ewwel Qorti ddeċidiet ħażin li s-Suncrest kellha l-jedd li titlob il-miżati ta' kanċellazzjoni. F'dan ir-rigward, jirreferi għall-affidavit ta' Charmaine Riolo u jgħid li filwaqt li din qatt ma ġiet kontroeżaminata, s-Suncrest lanqas biss ma ressqet lil Bernardette Vassallo bħala xhud biex b'xi mod jew ieħor tikkontradixxi dak li stqarret

Riolo. Jissottometti li għalhekk is-Suncrest ma kinitx intitolata li toħroġ il-fattura bin-numru 15232 (Dok MM08), u konsegwentement ma kellhiex jedd għall-ammont ta' €11,270.88;

21. Il-Qorti, filwaqt li qed tifhem l-argumenti tal-appellant, hija tal-fehma, li anke li kieku stess għandu raġun meta qed jgħid li l-*'e-mail'* tal-14 ta' Lulju, 2008, ma kellhiex titqies bħala xi forma ta' prenotazzjoni, fl-aħħar mill-aħħar, dawn l-argumenti ma jistgħu però jwassluh imkien, u dan sewwasew għaliex il-kontabbli tiegħu stess, li tressaq bħala xhud minnu, stqarr li mill-fattura bin-numru 15232:[16] *"**Link lesta li tħallas €1,549.74, li jirrappreżenta 30% ta' 3 iljieli għal 100 persuna bħala rata ta' kanċellazzjoni skont artikolu 3b tal-klawsola "Cancellation fees" tal-kuntratt**".*[17] Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt innfisu li hemm aċċettazzjoni li għandha titħallas il-miżata ta' kanċellazzjoni skont paragrafu (b) ta' klawsola (3) tal-kuntratt, ma jfisser xejn għajr li, l-appellant kien fl-aħħar mill-aħħar żamm is-sodod li kienu disponibbli għalih skont paragrafu (a) ta' klawsola 3 tal-kuntratt, u dan għal-perjodu ta' bejn it-28 ta' Lulju 2008 u t-3 ta' Awwissu 2008, u li ma kellux nies biex jimlihom. Ġaladarba li l-appellant stess aċċetta li għandha tapplika l-miżata ta' kanċellazzjoni taħt paragrafu (b) tal-klawsola 3, l-appellant

[16] Ara 'Dok MM08', fol. 66.

[17] Estratt meħud mill-affidavit ta' Adrian Scicluna, fol 185. Ara wkoll 'Dok A' mehmuż mat-tweġiba maħlufa tal-konvenuti u li fiha hemm ukoll indikazzjoni li l-konvenuti kienu lesti li jħallsu s-somma ta' €1,549.74, u dan mill-fattura bin-numru 15232. (fol. 17)

mhux biss implicitament aċċetta li l-miżata ta' kanċellazzjoni hija dovuta, iżda wkoll waddab fuq spallejh l-oneru li jipprova li huwa kien irrilaxxa s-sodod miżmuma minnu sa mill-anqas 14-il jum qabel it-28 ta' Lulju, 2008.[18] L-appellant naqas għal kollox milli jressaq prova bħal din, u għaldaqstant, f'ċirkustanzi bħal dawn, il-Qorti jidhrilha li r-raba' aggravju mhuwiex mistħoqq u b'hekk qiegħed jiġi miċħud;

22. Fil-**ħames aggravju** l-appellant qiegħed imbagħad jilmenta li l-Ewwel Qorti 'njorat għal kollox' l-istqarrija ta' Ludgarda Schembri, li waqt li ġiet kontroeżaminata ammettiet li saru żbalji varji fil-fatturi dwar il-miżati tal-*'complimentary'*, għaliex is-Suncrest ma setgħetx titlob ħlas għall-kmamar tas-superviżuri tal-istudenti u li konsegwentement *"f'kull fattura trid tonqos kamra minħabba din l-indikazzjoni a fol 150 u dan fil-fatturi kollha jekk ikun il-każ".* Jgħid li wara li ħa qies ta' dan huwa għamel il-kalkoli relevanti, u fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu ssottometta li t-tnaqqis minħabba dan l-iżball kellu jkun fl-ammont ta' €1,252;

[18] Paragrafu (b) ta' klawsola 3 tal-kuntratt jaqra li: *"Between the 48th day inclusive and the 14th day prior to arrival date the client may cancel up to 70% of the accommodation reserved without any charges. Any accommodation cancelled on the remaining 30% shall be subject to cancellation charges consisting in the price of three (3) days of cancelled accommodation in its totality."* Fil-paragrafu ta' wara, din il-klawsola mbagħad tkompli tgħid li: *"(c) In cases of any rooms being cancelled from 14 days prior to arrival or 'any no shows' the Hotel shall be entitled to cancellation charges consisting in the price of the cancelled accommodation in its totality".* (fol. 153)

23. Bla tlaqliq jingħad li dan l-aggravju huwa manifestament infondat, u dan għaliex li kieku l-appellant qara sew is-sentenza appellata, kien dlonk jintebaħ li f'paragrafu 14.4.5 ta' dik is-sentenza, l-Ewwel Qorti ħadet qies kemm ta' dak li ssottometta fl-osservazzjonijiet tiegħu, kif ukoll tax-xhieda ta' Ludgarda Schembri, tant li minn paragrafu 14.5 tas-sentenza appellata jirriżulta li meta dik l-Qorti żiedet flimkien l-ammonti msemmija f'paragrafi 14.4.1 sa 14.4.5, sabet li kien hemm żball fl-ammont globali ta' €4,360.69. F'paragrafi 14.4.1 sa 14.4.4, l-Ewwel Qorti għamlitha ċara li kienet qed tnaqqas s-somom ta': €1,522.00, €439.05, €423.80, u €723.84 rispettivament, li meta dawn jitnaqqsu mis-somma komplessiva ta' €4,360.69, jirriżulta li l-Ewwel Qorti kienet sewwasew naqqset preċiżament is-somma ta' **€1,252**,[19] li hija l-istess somma li qiegħed jirreferi għaliha l-appellant f'dan l-aggravju. Il-ħames aggravju ma kien messu tressaq qatt u qiegħed jiġi miċħud;

24. Fis-**sitt aggravju**, l-appellant qiegħed imbagħad jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata, li fi kliemu l-Ewwel Qorti kkonkludiet li: (a) ma ġiex ippruvat li s-Suncrest tat servizzi ħżiena, u (b) li s-Suncrest ma kinitx responsabbli li tagħtih kumpens għaliex ma kienx hemm ammissjoni li hija kienet naqset fil-għotja tas-servizzi. F'dan ir-rigward, l-appellant jibda biex jirreferi għall-investigazzjoni li saret mill-uffiċjali tad-

---

[19] €4,360.69 – (€1,522.00 + €439.05 + €423.80 + €723.84) = **€1,252**

Dipartiment tal-Infurzar fi ħdan il-Ministeru għat-Turiżmu, u jgħid li filwaqt li l-Ewwel Qorti rreferiet għar-rapport tagħhom tat-22 ta' April, 2008, dik il-Qorti però naqset li tieħu qies tax-xhieda ta' Charles Grech li waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2013, fisser kif wara li kien tressaq ilment mill-appellant, kienu saru żewġ spezzjonijiet oħra fil-lukanda Suncrest fl-14 u fis-16 ta' Lulju 2008, u li minnhom irriżulta li l-*'general manager'* tas-Suncrest ammetta li kien hemm il-preżenza ta' nemel fuq il-ħelu, u li fi spezzjoni oħra datata 21 ta' Lulju 2008, ir-rappreżentanti tad-dipartiment kienu ndikaw bosta nuqqasijiet fil-kmamar li fihom kienu alloġġjati l-istudenti minn Bologna. Jirreferi wkoll għal *'e-mail'* mibgħut mill-*'general manager'* tas-Suncrest lil Charmaine Riolo, li fi kliem l-appellant, f'din l-*'e-mail',* is-Sur Mario Debattista, filwaqt li skuża ruħu għall-inkonvenjent ikkaġunat, informaha bil-passi li l-lukanda kienet qiegħda tieħu biex 'tirrettifika d-defiċenzi fis-servizz li kienet qed tippresta'. Jirreferi wkoll għall-ittra li l-istess *'general manager'* bagħat lil Luigi Liserre, li kien wieħed mis-superviżuri tal-istudenti minn Bolonja, u li fiha s-Suncrest offriet ikla b'xejn lil grupp tiegħu u dan: *"for the inconvience caused last week".* Iżid li d-defiċenzi indikati f'dik l-ittra huma mbagħad imsemmija fl-affidavit ta' Luigi Liserre, u għalhekk huwa altru milli ma kienx hemm ammissjoni ta' responsabbiltà;

25. Fid-dawl ta' dak kollu li għadu kif qed jingħad, l-appellant qiegħed imbagħad jargumenta li hija żbaljata għal kollox l-konklużjoni tal-Ewwel

Qorti u sewwasew dik imniżżla f'paragrafu 16.4 tas-sentenza appellata, li fiha ngħad li huwa arbitrarjament irrifjuta li jwettaq l-obbligi tal-ħlas minnu assunti. Jisħaq li fiċ-ċirkustanzi huwa kien leġittimament qed jistenna lis-Suncrest tersaq sabiex tiftiehem kumpens xieraq bi tnaqqis ta' perċentwali fl-eventwali fatturi maħruġa u jilmenta li minflok ma ġara hekk s-Suncrest abbużivament użat it-termini mniżżla fil-ftehim biex ikkanċellat il-ftehim, u ressqet din il-kawża. F'dan ir-rigward, iżid li kemm-il darba jiġi milqugħ dan l-aggravju, l-ammont depożitat fiċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 977/2008 għandu jitqies li jirrappreżenta l-ħlas leġittimament mistħoqq lis-Suncrest. B'mod sussidjarju għal dan, jissottometti li, f'kull każ, jekk din il-Qorti jidhrilha li għad-fadal xi bilanċ li huwa akbar minn dik is-somma depożitata, l-imgħax fuq it-tali somma għandu jibda jgħaddi biss mid-data ta' din is-sentenza. Jgħid ukoll li l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jiġu maqsuma proporzjonalment bejn il-partijet u dan fid-dawl tas-somma inġustament mitluba mis-Suncrest u dik eventwalment kanonizzata;

26. Fil-fehma tal-Qorti lanqas dan l-aggravju mhuwa mistħoqq. Għalkemm huwa minnu li kien hemm xi nuqqasijiet li ġew tassew ippruvati mill-appellant u li sa ċertu punt ġew ukoll mistqarra min-naħa tal-*'general manager'* tas-Suncrest, madanakollu, dawn in-nuqqasijiet mhux biss kienu minuri iżda fuq kollox ġew rimedjati b'mod effiċjenti mis-Suncrest. Pereżempju, għalkemm li mir-rapport tal-ispezzjoni li saret mill-

uffiċjali tal-infurzar fil-15 ta' Lulju 2008,[20] jirriżulta li Mario Debattista tassew ammetta li f'ikla partikolari kien hemm xi nemel li ħebb għall-ħelu, dan l-inċident kien wieħed iżolat u filwaqt li l-ħelu ġie mibdul dak il-ħin stess, il-problema ġiet ukoll rimedjata b'mod immedjat;[21]

27. Hekk ukoll, għalkemm li mill-ispezzjoni tal-15 ta' Lulju, 2008 irriżulta li s-sistema tal-arja kondizzjonata ma kinitx qiegħda taħdem fil-kmamar bin-numru 106 u 270, mill-istess rapport irriżulta li l-*'general manager'* tal-lukanda kien qiegħed jindirizza din is-sitwazzjoni tant li l-uffiċjali tal-infurzar iddokumentaw li Mario Debattista tkellem mas-Sur Luigi Liserre u filwaqt li skuża ruħu għal din is-sitwazzjoni, spjegalu li wieħed miċ-*'chillers'* li kien għadu kopert bil-garanzija ġarrab il-ħsara u li dan kien ser ikun qiegħed jiġi msewwi minnufih hekk kif kienet ser tasal biċċa apparat li kienet skedata li tasal l-għada stess mill-Italja.[22] B'mod partikolari jirriżulta wkoll dokumentat li Luigi Liserre kien kuntent bl-azzjoni ta' Debattista, u dan għaliex fir-rapport tal-uffiċjali tal-infurzar tniżżel li Liserre: *"thanked the hotel management and the Malta Tourism Authority for the interest shown and also expressed that the Comune di Bologna would be glad to hear that the group's situation is being taken care of".*[23] Jidher ukoll li din il-problema ġiet solvuta kif imwiegħed tant li waqt ix-

[20] Ara 'Dok CG2', fol.357.
[21] Ara Dok CG2, fol. 357, u Dok RDG6 fol 237.
[22] Ara 'Dok CG2', fol. 358.
[23] Id.

xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru, 2013, Charles Grech li huwa mpjegat bħala *'senior manager'* fid-Dipartiment tal-Infurzar tal-Ministeru għat-Turiżmu, qal li fir-rapport ta' spezzjoni oħra li saret ftit tal-jiem wara, u sewwasew fil-21 ta Lulju, 2008, ma reġgħet saret l-ebda referenza għall-ħsarat fis-sistema tal-arja kondizzjonata tal-kmamar.[24] Fl-aħħar mill-aħħar, jidher ukoll li l-dan l-inkovenjent ma tantx kien xi wieħed gravi bħalma qed ipenġih l-appellant, u dan għaliex minn ittra datata l-21 ta' Lulju 2008,[25] jirriżulta li wara diskussjonijiet li kien hemm bejn il-*'general manager'* tal-lukanda Suncrest u s-superviżur tal-grupp tal-istudenti affettwati, l-lukanda tat ikla b'xejn lill-istudenti fir-ristorant tal-lukanda bl-isem il-'Kaptan Restaurant', *"as a gesture of goodwill for the inconvenience caused last week",* u dan bi valur komplessiv ta' €326.35;[26]

28. B'żieda ma' dan, għandu jiġi wkoll osservat li, mill-istess rapporti tal-ispezzjonijiet li saru mid-dipartiment tal-infurzar fi ħdan il-Ministeru għat-Turiżmu rriżulta li bosta mill-ilmenti tal-appellant ma kinux mistħoqqa. Pereżempju, waqt l-ispezzjoni li saret fil-15 ta' Lulju, 2008, u sewwasew jumejn biss wara li ġie alloġġjat il-grupp li kien qiegħed jieħu

---

[24] Ara x-xhieda ta' Charles Grech, mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru, 2013, fol 330-331.
[25] Fol 203.
[26] Ara l-irċevuta fiskali 'Dok EE2', fol. 415.

ħsieb is-Sur Luigi Liserre,[27] rriżulta li dik il-kamra tal-pranzu bl-isem ta' 'Poseidon', li kien qiegħed jilmenta dwarha l-appellant,[28] u li ġiet imsemmija mill-istess Liserre fl-affidavit tiegħu,[29] kienet imdawla tajjeb, mgħammra b'arja kondizzjonata li kienet tiffunzjona, u armata b'imwejjed li kienu mgħottija bi tvalji tal-plastik nodfa u preparati bil-*'cutlery'*.[30] Mill-istess rapport jirriżulta wkoll li anke l-ilmenti dwar il-kwalità fqira tal-ikel huma infondati, u dan għaliex b'kuntrast għal dak li qal l-appellant fl-affidavit tiegħu,[31] minn spezzjoni oħra li saret fis-16 ta' Lulju, 2008 irriżulta li waqt l-ikla ta' nofsinhar l-istudenti kienu qed jiġu servuti *'buffet'* b'għażla ta' insalati friski, għaġin, żewġ tipi ta' ħaxix, laħam u ħut, patata, 4 tipi ta' deżerta, *'fruit-salad'* u tlett tipi ta' frott.[32] Hekk ukoll, la mir-rapport tal-ispezzjonijiet li twettqu fil-15 u s-16 ta' Lulju, 2008,[33] u lanqas mir-rapport tal-ispezzjoni li saret fil-21 ta' Lulju 2018,[34] ma rriżulta li l-kurituri li kienu jagħtu għall-kmamar kienu bla dawl, jew inkella li l-kmamar kienu qishom xi gabjetti, jew f'xi kundizzjoni inaċċettabbli;

29. Fuq kollox, għandu wkoll jingħad li l-appellant ma ressaq l-ebda prova konkreta li n-nuqqasiijet żgħar min-naħa tas-Suncrest wassluh biex

[27] Fl-affidavit tiegħu s-Sur Liserre jgħid li l-grupp tiegħu ġie alloġġjat fil-lukanda Suncrest fit-13 ta' Lulju, 2008. (fol. 217)
[28] Ara l-affidavit ta' Roger Degaetano, 'Dok RD1', fol 226-227.
[29] Fol. 217.
[30] Ara 'Dok CG2', fol. 357.
[31] Dok RD1, fol. 227.
[32] Id. fol. 358.
[33] 'Dok CG2', fol 357-358.
[34] Ara 'Dok CG3', fol.333 sa 335.

sofra xi danni partikolari. Jekk l-appellant ġarrab xi danni kawża tat-terminazzjoni tal-ftehim min-naħa tas-Suncrest, dan kien tort tiegħu stess, u dan għaliex bħalma qalet sewwa l-Ewwel Qorti, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, l-appellant ma kellux il-jedd li arbitrarjament jaqbad u jirrifjuta li jonora l-obbligi tal-ħlas minnu assunti, u dan speċjalment meta n-nuqqasijiet tas-Suncrest kienu ta' natura minuri, meta mqabbla mas-servizz li tat lil għadd kbir ta' klijenti tal-appellant. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li mhux kull nuqqas fit-twettiq ta' xi kuntratt jista' jintuża bħala pretest biex iġib fix-xejn dik ir-rabta kuntrattwali, u li "*quando l'inadempimento non è grave, l'eccezione di inadempienza non è di buona fede*". (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***William Louis John Coyle v. Brian Vella et.*** deċiża fil-4 ta' Mejju, 2022);

30. Sa fejn imbagħad l-appellant qiegħed jippretendi li m'għandu jbati l-ebda imgħaxijiet u dan minn tal-inqas fuq l-ammont ta' flejjes depożitati fiċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 977/2008, il-Qorti jidhrilha li anke hawnhekk l-appellant m'għandux raġun. Kif qed tgħid sewwa s-Suncrest, il-flejjes imsemmija mill-appellant setgħu jiġu żbankati biss: "*bil-kundizzjoni espressa li tali żbank ikun qed jirrappreżenta <u>ħlas għas-saldu</u> tal-ammont minnhom pretiż fl-istatement tagħhom datat 31 ta' Lulju 2008 u għalhekk <u>ħlas għas-saldu</u> tal-invoices kollha elenkati fl-istess*

*statement*”.[35] La s-Suncrest kellha x’tiġbor ferm aktar mill-ammont li ġie depożitat il-Qorti mill-appellant, is-Suncrest ma setgħetx tiġi mistennija li tiġbed dak l-ammont u minħabba f’hekk baqgħet sal-lum il-ġurnata mċaħħda minn flejjes li ilhom dovuti lilha. Fuq kollox, fl-Artikolu 1175 tal-Kap. 16, il-liġi stess tagħmilha ċara bil-bosta li sabiex l-offerta tal-flejjes tkun tiswa, *“hu meħtieġ – (ċ) li tkun tiġbor fiha s-somma kollha li jkollha tingħata għall-kapital u għall-imgħaxijiet magħluqa, u għall-ispejjeż likwidi, u somma oħra għall-ispejjeż mhux likwidi, b’riżerva tal-ħlas ta’ kull somma li tkun tonqos;”*. Kif diġà rajna, f’dan il-każ, l-offerta tal-appellant ma kinitx tiġbor fiha s-somma kollha li kellu jagħti lis-Suncrest, u għaldaqstant id-depożitu tas-somma ta’ €15,070.90, ma jistax jitqies li ġab miegħu l-effetti ta’ *“depożitu magħmul skont il-liġi”,* kif imfissra fl-Artikolu 1173(2) tal-Kap. 16;

31. Fl-aħħar nett u sa fejn imbagħad għandu x’jaqsam mal-argument li l-Ewwel Qorti kellha taqsam l-ispejjeż ġudizzjarji b’mod proporzjonat bejn il-partijiet u dan minħabba li fi kliemu hemm diskrepanza bejn is-somma oriġinarjament mitluba u dik dovuta, l-Qorti jidhrilha li dan l-ilment għandu jiġi mistħarreġ flimkien mas-**seba’ aggravju** tal-appell ewlieni li huwa wkoll dwar il-kundanna tal-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji, u li fih l-appellant qiegħed jilmenta mill-fatt li filwaqt li fis-sentenza parzjali mogħtija fl-20 ta’

[35] Estratt miċ-ċedola ta’ depożitu Nru 988/2008 – ‘Dok RG2’ fol. 15.

Marzu, 2012, l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu bl-ispejjeż kontra s-Suncrest, min-naħa l-oħra, fis-sentenza appellata, huwa ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kif mitluba fir-rikors maħluf tas-Suncrest, u sewwasew l-ispejjeż ġudizzjarji kollha tal-proċeduri nkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 2462/08;

32. Fil-fehma tal-Qorti, l-appellant għandu raġun sa fejn qiegħed jgħid li d-deċiżjoni dwar l-ispejjeż ġudizzjarji kif mogħtija fis-sentenza appellata hija konfliġġenti mad-deċiżjoni li ngħatat mill-istess Qorti dwar l-ispejjeż ġudizzjarji marbuta mas-sentenza preliminari. Id-deċiżjoni tal-20 ta' Marzu, 2012 hija sentenza u mhux digriet, u la l-Ewwel Qorti għażlet li tippronunzja ruħha dwar l-ispejjeż, ma setgħetx b'xi mod jew ieħor tbiddel dak li ddeċidiet fis-sentenza preliminari. Fis-sentenza preliminari tal-20 ta' Marzu, 2012, l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u ħelset lil Link School of English Limited *"bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti Suncrest Hotels p.l.c.",* u għalhekk fis-sentenza appellata, dik il-Qorti ma setgħetx imbagħad tikkundanna lill-appellant iħallas *"l-ispejjeż kif dedotti fl-istess rikors ġuramentat promotur"*;

33. Min-naħa l-oħra, l-Qorti ma taqbilx imbagħad mal-appellant meta qed jgħid li l-Ewwel Qorti kellha taqsam l-ispejjeż ġudizzjarji b'mod proporzjonat bejn il-partijiet u dan minħabba li fi kliemu hemm diskrepanza bejn is-somma oriġinarjament mitluba u dik dovuta. Huwa

magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li d-deċiżjoni tal-Qorti dwar il-qsim tal-ispejjeż ġudizzjarji hija waħda diskrezzjonali li tiddependi ħafna miċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull każ,[36] u li "*l-ġudizzju mogħti mill-Qorti dwar il-kap tal-ispejjeż għandu jkun riżultat ta' konsiderazzjoni matura dettata mill-kuxjenza",* u mhux xi eżerċizzju matematiku.[37] Għalkemm huwa minnu li f'dan il-każ s-Suncrest ma kienx ħaqqha l-ammont kollu pretiż minnha, madanakollu, jibqa' xorta waħda l-fatt li anke wara t-tnaqqis li sar mill-Ewwel Qorti, u li qed isir minn din il-Qorti, s-Suncrest xorta waħda kellha bżonn li tniedi dawn il-proċeduri ġudizzjarji biex tiġbor dak li huwa dovut minnha, u dan għaliex l-appellant għażel it-triq li jagħmel ta' rasu u jirrifjuta li jħallas lis-Suncrest aktar minn dak li deherlu li kien ħaqqha titħallas. La l-appellant ma kellux raġun li jagħmel hekk, allura għandu jbati l-konsegwenzi ta' għemilu, u l-ispejjeż ġudizzjarji sa fejn għandhom x'jaqsmu mas-sentenza appellata kif ukoll mal-ittra uffiċjali bin-numru 2462/08 għandu jagħmel tajjeb għalihom hu;

34. Is-sitt aggravju tal-appellant qiegħed għalhekk jiġi miċħud għal kollox, filwaqt li s-seba' aggravju qed jiġi milqugħ. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti

---

[36] Ara b'eżempju s-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ta': ***Costantio Muscat pro et noe. v. Nazzareno sive Reno Muscat et,,*** deċiża minn din il-Qorti fil-1 ta' Ottubru, 2004 (App. Ċiv. 52/1996/2); ***Lawrence Hili v. Louis Hayman,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-10 ta' Jannar, 2003, (App Ċiv. 1574/1997/1PS); ***Raymond u Sharon Borg v. Hal Mann Limited,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-20 ta' Ottubru, 2003, (App. Ċiv. 34/1999/1).

[37] Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***John sive Juanito Pullicino v. Carm Lino Scerri,*** deċiża fis-17 ta' Frar, 2022, (App. Ċiv. 233/2011/1).

ser tkun qiegħda tirriforma l-parti dispożittiva tas-sentenza appellata sa fejn għandha x'taqsam mal-kap tal-ispejjeż, billi tikkundanna lis-Suncrest sabiex tħallas l-ispejjeż kollha ta' 'Link School of English Limited', kif ukoll l-ispejjeż tal-appellant sa fejn għandhom x'jaqsmu mas-sentenza preliminari tal-20 ta' Marzu, 2012, u sewwasew dawk li għandhom x'jaqsmu maċ-ċaħda tal-ewwel eċċezzjoni;

35. Jifdal issa li nqisu l-**<u>appell inċidentali</u>** tas-Suncrest li ġie msejjes fuq l-aggravju waħdieni li fih is-Suncrest qed tilmenta li l-Ewwel Qorti "ma ddeċiditx u ma pprovditx" dwar it-talba għall-imgħax bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26A tal-Kap.13, min-notifika tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Awwissu, 2008. F'dan ir-rigward, is-Suncrest qiegħda tressaq tliet argumenti favur l-għotja ta' dan l-imgħax. L-ewwel waħda hija li l-ammont kien wieħed faċilment likwidabbli u għalhekk l-massima *'in liquidandis non fit mora'* ma tapplikax. It-tieni hija dik li d-depożitu li għamel il-konvenut taħt l-awtorità tal-Qorti ġie mqiegħed bil-kundizzjoni li seta' jiġi żbankat biss għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tagħha u b'hekk l-imgħax ma waqafx jiddekorri. L-aħħar raġuni hija mbagħad dik li mill-atti jidher ċar li r-relazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet kienet waħda ta' natura kummerċjali u li la n-negozju sar f'kuntest kummerċjali għandhom japplikaw l-imgħaxijiet ta' natura kummerċjali kif mitluba minnha;

36. Min-naħa tiegħu, Roger Degaetano jilqa' għal dan l-aggravju billi jissottometti li skont l-Artikolu 235 tal-Kap. 12 mhuwiex permess appell *'ab omissa decisione'* u li għalhekk is-Suncrest kellha r-rimedju li tressaq rikors quddiem l-Ewwel Qorti fi żmien ħmistax-il jum biex tieħu kont ta' dak in-nuqqas u tiddeċiedi dik it-talba li qed tgħid li ma ġietx deċiża. Sussidjarament għal dan, il-konvenut Degaetano jargumenta li f'kull każ, ma kien hemm effettivament l-ebda nuqqas ta' deċiżjoni u dan għaliex meta l-Ewwel Qorti ġiet biex tiddeċiedi t-talbiet tas-Suncrest, din laqgħathom bil-kwalifika *"limitament kif stabbilit".* Skont Degaetano, minn dan jirriżulta fiċ-ċar li fuq l-ammont li ġie kkanonizzat fis-sentenza, ma kellu jgħaddi l-ebda imgħax kif ġie mitlub mill-attriċi. F'dan is-sens, jargumenta li dan xorta waħda ma jagħmilx l-appell tas-Suncrest siewi u dan għaliex fi kliemu l-appell inċidentali ma sarx għaliex l-Ewwel Qorti ddeċidiet ħażin, imma għaliex naqset milli tiddeċiedi t-talba dwar l-imgħax. Fid-dawl ta' dan, Degaetano għalhekk jinsisti li l-appell inċidentali għandu jiġi kull kif miċħud, u dan bl-ispejjeż;

37. Il-Qorti, filwaqt li taqbel mal-konvenut Degaetano li f'dan il-każ ma kienx hemm xi nuqqas ta' deċiżjoni dwar l-interessi mitluba fir-rikors maħluf, madanakollu ma taqbilx mal-istess konvenut meta qed jgħid li meta l-Ewwel Qorti ġiet biex tilqa' t-talbiet tas-Suncrest bil-kwalifika *"limitament kif stabbilit",* kienet qed tiċħad it-talba tas-Suncrest għall-interessi kummerċjali. F'dan il-każ, il-paragrafu 18.1 tal-parti dispożittiva

tas-sentenza appellata li jaqra: *"[t]ilqa' t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti limitament kif stabbilit",* irid jinqara fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata, u dan għaliex kif inhu magħruf sewwa fil-ġurisprudenza: *"l-volontà tal-ġudikant tista' tittieħed anke mill-konsiderandi tas-sentenza, u li d-dispositiv ma għandux jittieħed separatament mill-motivazzjoni iżda għandu jiġi minn din definit u spjegat"* (ara is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***'Is-soċjetà Tomlin Company Limited v Is-soċjetà Jon David Limited'***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri), fl-20 ta' Ottubru, 2003 (App. 838/2001/1PS). F'dan l-istess sens ġie wkoll mtenni li: "*il ragionamento nella motivazione di una sentenza e la conclusione da esso tratta nel corso della stessa motivazione, quantunque tale conclusione non formi parte del dispositivo della sentenza medesima, costituiscono una decisione implicita quante volte quella conclusione formo` la base ed era necessaria per arrivare razionalmente al dispositivo espresso. Una siffatta decisione implicita ha tutta l'awtorita` della cosa giudicata"* (Ara ***Giuseppe Formosa Speranza nomine v. Pietro Guglielmo Camilleri,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-16 ta' Jannar, 1933, Kollez Vol. XXVII p.I, p. 740);

38. Minn ħarsa lejn il-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata jirriżulta li fil-paragrafu ta' qabel il-parti dispożittiva ta' dik is-sentenza, l-Ewwel Qorti niżżlet li *"[i]n vista tas-suespost din <u>il-qorti hi sodisfatta li s-soċjetà rikorrenti ipprovat il-każ tagħha skont il-liġi fil-limiti fuq</u>*

<u>*indikati*</u>*...".*[38] Fil-fehma tal-Qorti, bil-frażi *"fil-limiti fuq indikati",* l-Ewwel Qorti kienet qed tirreferi għall-konsiderazzjonijiet li tniżżlu fil-paragrafi 14.4 u 14.5 ta' dik is-sentenza u li fihom fissret kif mis-somma pretiża mis-Suncrest ma kienx dovut l-ammont ta' €4,360.69. Fl-ebda parti tas-sentenza appellata ma ġie mniżżel li l-interessi pretiżi mis-Suncrest ma kinux dovuti, u għalhekk, il-kliem *"fil-limiti fuq indikati"* m'għandhomx jiġu interpretat bil-mod ta' kif qed jippretendi l-konvenut Roger Degeatano, u sewwasew li dik il-Qorti ma kinitx qed tilqa' t-talba għall-imgħaxijiet kummerċjali. La s-Suncrest għamlet referenza għall-imgħaxijiet kummerċjali fil-ħames premessa tar-rikors maħluf, kif ukoll fiż-żewġ talbiet finali tal-istess rikors maħluf,[39] u l-Ewwel Qorti kienet sodisfatta li l-attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi u m'għamlet l-ebda limitazzjonijiet fir-rigward ta' dik it-talba, allura dan ma jfisser xejn hlief li dik il-Qorti kienet impliċitament qed tilqa' t-talba tas-Suncrest għall-imgħaxijiet kummerċjali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Awwissu 2008;

39. Il-Qorti hija aktar u aktar konvinta minn dan, għaliex minkejja li l-konvenuti ressqu eċċezzjoni speċifika dwar it-talba għall-imgħaxijiet, l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda indikazzjoni fis-sentenza appellata li kienet qiegħda tilqa' dik l-eċċezzjoni, anzi, fl-aħħar nett u sewwasew f'paragrafu

[38] Estratt minn paragrafu 18 tas-sentenza appellata.
[39] Fol. 2.

18.2 tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, dik il-Qorti ddikjarat li kienet qiegħda *"tirrespinġi l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-intimat"*;

40. Fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti jidhrilha li s-silenzju tal-Ewwel Qorti dwar il-ħlas tal-imgħaxijiet mhuwiex il-frott ta' xi nuqqas ta' deċiżjoni min-naħa ta' dik il-Qorti dwar l-ħlas ta' dawk l-imgħaxijiet jew inkella għaliex dik il-Qorti ma dehrilhiex li t-talba għall-imgħaxijiet kummerċjali ma kinitx mistħoqqa, iżda sempliċiment huwa l-konsegwenza ta' żball ġenwin tal-pinna f'paragrafi 18.4 u 18.5 tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata. Sabiex ma jkunx hemm dubji f'dan ir-rigward, il-Qorti ser tkun qiegħda tilqa' l-appell inċidentali tas-Suncrest u dan billi ser tkun qiegħda tikkoreġi dawn il-paragrafi, sabiex tiżdied il-frażi *"bl-imgħaxijiet legali kif mitluba fir-rikors maħluf"*;

41. Peress li l-Qorti jidhrilha li żball ċar bħal dan seta' jiġi kkoreġut bir-rimedju misjub fl-Artikolu 825(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u s-Suncrest naqset milli tuża dak ir-rimedju, l-Qorti ser tkun qiegħda tordna lill-istess Suncrest sabiex tbati l-ispejjeż marbuta mal-appell inċidentali. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti fil-kawżi fl-ismijiet ta' ***Doreen Galea Souchet v. Joseph Farrugia pro et noe.***, deċiża fil-31 ta' Mejju, 2023, u ***Carmlu Limited v. Joseph Cachia***, deċiża fl-20 ta' Marzu, 2019);

42. Fuq nota aħħarija, u peress li fit-talba finali tar-rikors tal-appell ewlieni qiegħed jingħad li din il-Qorti għandha tistabbilixxi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu mid-data ta' din is-sentenza, għall-għanijiet ta' kompletezza l-Qorti tħoss li jkun utli li jiġi osservat li l-appellant Degaetano ma ressaq l-ebda raġuni siewja għalfejn din il-Qorti għandha tagħmel hekk. Kif intqal aktar kmieni,[40] l-konvenut Roger Degaetano inġustament ċaħħad lill-kumpanija attriċi mill-flejjes li ilhom dovuti lilha għal dawn is-snin kollha, u ġaladarba li l-imgħaxijiet jitħallsu għax parti tkun żammet għaliha u nqdiet bi flus li fis-sewwa kellu jgawdihom u jinqeda bihom ħaddieħor, Degaetano ma jistax issa jipprentedi li huwa għandu jibda jħallas l-interessi mid-data ta' din is-sentenza. (ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Simon Debono et. v. Viaggo Fiacile s.r.l. et.,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri, fit-22 ta' Ġunju, 2022). Fuq kollox, it-tranżazzjoni li minnha tnissel il-jedd ta' kreditu tas-Suncrest kienet waħda ta' natura kummerċjali li nżammet bejn intrapriżi wara l-1 ta' Lulju 2005 u għaldaqstant hija tassew soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 26A sa 26J tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta. (ara f'dan is-sens ***Sammut Concrete Supplies Limited v. Stronghold Construction Limited,*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-10 ta' Mejju, 2022);

[40] Ara paragrafu 30 ta' din is-sentenza.

***Decide***

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tilqa' limitatament** l-appell ewlieni tal-konvenut Roger Degaetano, kif ukoll **tilqa'** l-appell inċidentali tal-kumpanija Suncrest Hotels p.l.c., u b'hekk qed **tirriforma** s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-10 ta' April, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dan billi:

(i) tħassar paragrafu 18.4 tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata fejn iddikjarat li "l-intimat għandu jagħti l-ammont ta' sitta u tletin elf sitt mija u ħamsa u għoxrin euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu, (€36,625.28), lis-soċjetà rikorrenti" u **minflok tiddikjara li l-intimat Roger Degaetano għandu jħallas lil Suncrest Hotels p.l.c. l-ammont ta' disgħa u għoxrin elf, tmien mija u sittin ewro u sittax-il ċenteżmu tal-ewro (€29,860.16), bl-imgħaxijiet kif mitluba fir-rikors maħluf tat-30 ta' Settembru, 2008**;

(ii) tikkoreġi paragrafu 18.5 tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata li għandu jibda jaqra: *"Tikkundanna lill-istess intimat iħallas l-ammont hekk likwidat lis-soċjetà rikorrenti,* ***flimkien mal-imgħaxijiet kif mitluba fir-rikors maħluf tat-30 ta' Settembru, 2008****"*;

(iii) tħassar il-paragrafu 18.6 tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata u filwaqt li ttenni li l-kumpanija attriċi Suncrest Hotels p.l.c. għandha tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha tal-kumpanija 'Link School of English Limited' u ta' Roger Degaetano sa fejn għandhom x'jaqsmu mal-ilqugħ tal-ewwel eċċezzjoni u dan skont kif deċiż fis-sentenza parzjali tal-20 ta' Marzu 2012, tikkundanna lil Roger Degatano sabiex iħallas il-bqija tal-ispejjeż ġudizzjarji nkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali bin-numru 2462/08.

Mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza.

L-ispejjeż tal-appell ewlieni għandhom jiġu mħallsa fil-proporzjon ta' żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) mill-appellant Roger Degaetano, filwaqt li t-terz rimanenti ($^{1}/_{3}$) għandu jitħallas mis-Suncrest Hotels p.l.c. L-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom però jitħallsu kollha minn Suncrest Hotels p.l.c. u dan għar-raġuni msemmija f'paragrafu 41 ta' din is-sentenza;

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da